IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.11.2010
COM(2010) 663 finali
ANNESS

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għal Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, biex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti

ANNESS

PROTOKOLL

dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim biex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti, filwaqt li titqies l-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti

L-UNJONI EWROPEA

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-UZBEKISTAN,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Partijiet" għall-għanijiet ta' dan il-Protokoll.

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.

(2) Saru negozjati biex jiżguraw li l-prinċipji fl-FSK li japplikaw għall-kummerċ f'oġġetti oħra huma estiżi wkoll formalment għall-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti.

(3) L-emendi meħtieġa għall-FSK għandhom jiġu adottati,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, huwa hawnhekk emendat kif ġej.

1. L-Artikolu 8(3) għandu jitħassar.

2. Fl-Artikolu 11, ir-referenzi għall-Artikolu 16 għandhom jitħassru.

3. L-Artikolu 16 jitħassar.

4. L-Anness I tal-Ftehim għandu jitħassar.

Artikolu 2

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara n-notifikazzjoni tat-tlestija tal-proċeduri domestiċi neċessarji għall-approvazzjoni ta' dan il-Protocol, mill-Unjoni Ewropea jew mill-Uzbekistan, liema wieħed ikun tal-aħħar.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll huwa magħmul f'żewġ kopji fil-lingwi uffiċjali tal-partijiet, u ż-żewġ testi huma ugwalment awtentiċi.

Magħmul fi…,

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika tal-Uzbekistan